**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum it-Tlieta 6 ta` Ottubru 2015**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 651/15 JZM**

**Francis E. Sullivan & Company Limited C-353**

***kontra***

**International Catering SRL, socjeta` estera bl-indirizz Via Al Ponte Caracciolo 2. 16126 Genoa, l-Italja**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta` Lulju 2015 **bil-procediment sommarju specjali** [1] li jaqra hekk–

*1. Illi mis-sena 2011 lil hawn is-socjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited issuplixxiet diversi provisti tal-ikel lil diversi bastimenti, u dan fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta` intimata International Catering SRL;*

*2. Illi l-provisti tal-ikel gew provduti lis-segwenti bastimenti:*
*(i) MV VOS THALASSA*
*(ii) MV VOS THEIA*
*(iii) MV VOS ATHOS*
*(iv) MV VOS PRUDENCE*

*3. Illi s-socjeta` rikorrenti harget diversi fatturi lis-socjeta` intimata, liema fatturi qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A;*

*4. Illi s-somma globali dovuta mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti tammonta ghal sitta u disghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€96,848.29) u dan skont rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;*

*5. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` sitta u disghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€96,848.29);*

*6. Illi l-imsemmi ammont ta` sitta u disghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€96,848.29) huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta` xi fatt, mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti u ghalhekk fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti, il-bastiment intimat m`ghandux eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta` l-imsemmi ammont;*

*7. Illi ghalkemm saru diversi nterpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa` ma thallasx mill-bastiment konvenut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*8. Illi fl-umli fehma tas-socjeta` rikorrenti, il-bastiment konvenut m`ghandux eccezzjonijiet validi x`jaghti ghat-talbiet tal-attrici;*

*Jghid ghalhekk il-bastiment konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

*1. Taqta` l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara illi s-socjeta` International Catering SRL hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited ghas-somma ta` sitta u disghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€96,848.29) ghal diversi provizjonijiet ta` ikel mis-sena 2011 sal-lum;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` International Catering SRL sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited is-somma ta` sitta u disghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€96,848.29) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u d-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Awwissu 2015 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta` Settembru 2015 fid-09:00am.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta` Settembru 2015 kien ghad m`hemmx il-prova tan-notifika tal-kumpannija konvenuta skont il-ligi.

Rat illi fil-mori tad-differiment il-kumpannija konvenuta kienet debitament notifikata skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi ghalkemm il-kumpannija konvenuta ssejhet diversi drabi biex tidher ghall-udjenza tal-lum, hadd ma deher.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh billi:**

**1. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara illi s-socjeta` International Catering SRL hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited ghas-somma ta` sitta u disghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€96,848.29) ghal diversi provizjonijiet ta` ikel mis-sena 2011 sal-lum;**

**3. Tikkundanna lis-socjeta` International Catering SRL sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan & Company Limited is-**

**somma ta` sitta u disghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€96,848.29) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati, bl-imghax legali b`effett mil-lum u bl-ispejjez kontra l-kumpannija konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**